**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha 20 ta' Gunju 2001**

**Numru 9**
**Citaz Nru. 1277/93 FD**

**Albert Zerafa**
**Vs**
**Denise Zerafa**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjoni necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet kontendenti kkontrattaw iz-zwieg taghhom fis-7 ta' Dicembru, 1991, kif jidher skond certifikat taz-zwieg anness mac-citazzjoni u mmarkat Dokument "A";

Premess illi l-kunsens tal-konvenuta ghal dan iz-zwieg inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg

innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Premess ukoll illi l-kunsens ta' l-attur ghal dan iz-zwieg inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-konvenuta li mix-xorta taghhom ifixklu serjament il-hajja mizzewga;

Premess inoltre illi l-kunsens tal-konvenuta kien vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg iccelebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Dicembru, 1991, huwa null u bla ebda effett legali;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg celebrat mill-kontendenti fis-7 ta' Dicembru 1991, huwa null u minghajr ebda effett fil-ligi, u taghti dawk il-provvedimenti kollha l-ohra li jkunu opportuni f-dan ir-rigward;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha eccepiet:-

Illi hija kienet taqbel li z-zwieg taghha ma' l-attur kien null minhabba l-immaturita` ta' l-istess attur li haseb li qed jizzewweg oggett u mhux persuna umana;

Ghamlet ukoll riserva ghal eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-Digriet taghha tal-5 ta' Ottubru 1994 li permezz tieghu gie nominat l-avukat Dr. Marco Griscti bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjoni kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-Digriet taghha tat-8 ta' Ottubru 1999 li permezz tieghu, wara rikors appozitu ta' l-imsemmi espert legali, hija rrevokat l-inkarigu lilu moghti;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process inkluzi dawk tal-kawza bejn il-kontendenti bin-numru 82/94 li qeghda wkoll tigi deciza llum;

Ikkonsidrat:-

Illi l-atturipprezenta din il-kawza biex il-Qorti tiddikjara null u bla effett iz-zwieg li huwa kkuntratta mal-konvenuta fis-7 ta' Dicembru 1991 u dana a bazi tan-nuqqasijiet indikati fl-istess citazzjoni; il-konvenuta minn naha taghha ma opponietx din it-talba pero` ssottomettiet li z-zwieg kien null minhabba nuqqas attribwibbli lill-attur stess;

Illi flimkien ma' din il-kawza ghall-annullament bejn il-kontendenti hemm zewg kawzi ohra li gew intavolati ftit wara fejn talbu s-separazzjoni minn ma' xulxin u li jgibu n-numru 82/94 u 516/95 u l-kontendenti qablu li l-provi li jingabru f'wahda minn dawn il-kawza jkunu applikabbli u jaghmlu stat ukoll ghal kawzi l-ohra;

Illi jigi rilevat illi anki f'din il-kawza il-provi kienu qed jingabru principalment fil-kawza bin-numru 82/94;

Illi wara li gie rrevokat l-inkarigu moghti lill-espert legali inkarigat biex jirrelata, l-attur cioe` Albert Zerafa permezz ta' nota tas-16 ta' Novembru 2000 irrileva li z-zwieg tal-kontendenti kien gie xolt bid-Decizjoni finali tat-Tribunal Ekklesjastiku li giet esegwita a tenur ta' l-Artikolu 24 tal-Kapitolu 255 b'digriet ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Lulju 2000 u annetta wkoll kopja ta' l-istess digriet moghti mill-imsemmija Onorabbli Qorti ta' l-Appell;

Illi minhabba l-arrangament li kien intlahaq dwar il-produzzjoni tal-provi, anki din in-nota u kopja tad-digiret ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell jinsabu esebiti a fol 437 tal-kawza ta' separazzjoni bin-numru 82/94;

Illi wara l-prezentata ta' l-imsemmi digriet, il-partijiet qablu illi kien fadal biss il-kap ta' l-ispejjez u z-zewg kontendenti ghamlu s-sottomissjonijiet relattivi taghhom;

Illi meta giet intavolata l-kawza odjerna cioe` fil-21 ta' Ottubru 1993 id-disposizzjonijiet tal-Ligi dwar iz-Zwieg ma kienux jikkontemplaw il-proceduri u d-decizjonijiet moghtija mit-Tribunal Ekklesjastiku.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-annullament formulata fic-citazzjoni in vista tad-digriet moghti mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fil-25 ta' Lulju 2000, tiddeciedi li l-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur